**Il-Grupp ta' Patri Piju** se jiltaqa' nhar it-Tnejn 27 ta' Ottubru fil-kappella tas-Sorijiet. L-għan prinċipali hu biex nafdaw f'San Piju l-morda tagħna u nitolbu għall-vokazzjonijiet. Nibdew fl-4.00pm bl-Adorazzjoni u r-Rużarju u wara ssir il-Quddiesa.

**Katekeżi għar-romol** nhar it-Tnejn 27 ta' Ottubru fil-Mużew il-qadim tal-bniet, fi Triq Rakela Camilleri, fis-5.45pm. Imexxi Dun Ġużepp Attard.

**Ħarġa għal Malta** nhar il-Ħamis 30 ta' Ottubru, organizzata mill-Għaqda Dun Franġisk Grima. Inżuru Serenity Garden il-Ġnien taċ-Ċiniżi, Smart City u wara nieħdu lunch Għajn Tuffieħa. Il-postijiet huma mimlija. Tluq mill-Pjazza fis-7.30am.

**Rużarju fil-beraħ** nhar il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru, fil-5.30pm, fi Triq Duru ma' Triq Ċini. Wara jkun hemm quddiesa. Kulħadd mistieden.

**Siegħa Adorazzjoni** nhar is-Sibt 1 ta' Novembru bi tpattija lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin, fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, fit-8.15am.

Matul ix-xahar ta' Novembru ċ-Ċimiterji tagħna se jkunu miftuħin kuljum mis-7.00am sas-7.00pm.

**Quddies fil-Parroċċa**

**Ċimiterju tal-Addolorata**
(ta' Kenuna)
Il-Ħadd, fis-7.30am
it-Tnejn, it-Tlieta u s-Sibt, fis-6.30am

**Ċimiterju tal-Ħniena Divina** (tar-Ramla)
L-Erbgħa, l-Ħamis u l-Ġimgħa, fl-4.00pm

**Is-Sibt 1 ta' Novembru**:
Il-Quddies kollu ta' filgħodu u ta' filgħaxija se jkun ta' Jum il-Festa tal-Qaddisin kollha.

**Il-Ħadd 2 ta' Novembru**:
Il-Quddies li fih se jsir it-tberik tal-oqbra
fiċ-Ċimiterju ta' Kenuna, fis-7.30am
fiz-zuntier tal-Bażilika, fit-8.30am
fiċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina, fl-4.00pm

Bħalissa qed jitkompla u dalwaqt jitlesta x-xogħol tat-tisbieħ fiċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina; ser jitwaħħlu l-cameras tas-sigurtà li konna wegħedna sena ilu, u anki sistema ta' vitien għat-tqassim tal-ilma f'diversi nħawi taċ-Ċimiterju. Inxtraw ukoll diversi bins ġodda għaż-żamma tal-indafa fiż-żewġ ċimiterji tagħna. Għalhekk nieħdu l-opportunità nfakkrukom sabiex tgħinu permezz tal-offerta għall-manutenzjoni ġenerali taċ-Ċimiterju li hi ta' €20 kull sena fix-xahar ta' Novembru, jew inkella tista' tinfeda għal dejjem bis-somma ta' €1,500.

**Ġabra għall-manutenzjoni tal-knisja** kull l-aħħar Ħadd tax-xahar. Inħeġġukom tkunu ġenerużi speċjalment issa li għaddejjin b'diversi xogħlijiet ta' restawr u rinnovar li kienu tant meħtieġa. Nirringrazzjawkom dejjem ta' kull għajnuna li toffru, speċjalment lil dawk kollha li kontinwament jaħdmu b'mod volontarju b'risq il-parroċċa tagħna. Napprezzawhom u nitolbu għalihom.

**Bżonn ta' aktar donaturi tad-demm**

Dan l-aħħar ġejna infurmati li n-numru ta' donaturi minn Għawdex naqas xi ftit. Kif tafu, Għawdex dejjem kien minn ta' quddiem biex jagħti d-demm, u fil-parroċċa tagħna minn żmien għal żmien fakkarniekom biex tilqgħu din l-istedina għall-għoti tad-demm. Għalhekk mill-ġdid inħeġġukom biex dan l-impenn regolari ta' karità mal-morda nkomplu nżommuh.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 6.30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am